# TNAX-IL XAHAR TA' ESPERJENZI MEMORABBLI F'HERITAGE MALTA

**Stqarrija | 25 ta' Jannar 2025**

Heritage Malta nediet il-kalendarju tal-attivitajiet għal din is-sena, programm ta' tnax-il xahar mimli esperjenzi kulturali, edukattivi u interattivi għal udjenzi varji.

Il-kalendarju jinkludi 153 avveniment, u jaspira li jkollok sena mimlija skoperti, memorji u esplorazzjoni li tħares lura lejha b'entużjażmu. L-għażla hija wiesgħa u tinkludi dawriet gwidati esklussivi għall-membri minn wara l-kwinti f'siti storiċi ikoniċi, taħdidiet u workshops interessanti, attivitajiet għall-familja li jqanqlu kurżità fil-ġenerazzjoni żagħżugħa, avventuri bħal dawriet fuq il-baħar madwar il-portijiet, mixjiet, it-tgawdija tal-ekwinozju u s-solstizju, u vjaġġi gastronomiċi ma' Taste History.

Diversi anniversarji importanti li se jiġu mfakkra din is-sena – fosthom il-50 anniversarju tal-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra, l-10 anniversarju mill-Ftuħ tal-Forti Sant'Iermu, il-110 anniversarju mill-ewwel skizzi tal-Kumpless Preistoriku ta' Ħal Tarxien u l-460 anniversarju tal-Assedju l-Kbir, jagħmlu l-programm aktar speċjali. Ġew ippjanati avvenimenti uniċi biex jimmarkaw kull okkażjoni minn dawn, filwaqt li jistiednu lill-pubbliku biex jieħu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet.

L-impenn ta' Heritage Malta għal din is-sena huwa li tkompli tixpruna l-inklużività u l-aċċessibbiltà, b'avvenimenti bilingiwi, oħrajn maħsubin għal persuni b'abbilitajiet differenti, u bosta opportunitajiet għall-benefiċċjarji tal-passaporti tal-istudenti u tal-anzjani. Il-kalendarju fih ukoll kollaborazzjonijiet ma' artisti u organizzazzjonijiet lokali, li jiżguraw dinamiċità bejn dak li huwa tradizzjonali u modern.

Fit-tnedija tal-kalendarju, il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, Owen Bonnici, qal li: "L-impenn tagħna għal din is-sena huwa li nkomplu nixprunaw l-inklużività u l-aċċessibbiltà, b'avvenimenti bilingiwi, oħrajn maħsubin għal persuni b'abbilitajiet differenti, u bosta opportunitajiet għall-benefiċċjarji tal-passaporti tal-istudenti u tal-anzjani. Il-kalendarju fih ukoll kollaborazzjonijiet ma' artisti u organizzazzjonijiet lokali, li jiżguraw dinamiċità bejn dak li huwa tradizzjonali u modern," ikkonkluda l-Ministru Bonnici.

Il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, Noel Zammit, qal li: "Il-viżjoni tagħna għas-sena l-ġdida hija li ngħaqqdu n-nies mal-wirt Malti b'mod sinifikanti u innovattiv. Il-programm tal-attivitajiet ta' din is-sena jkompli jagħti ħajja lis-slogan 'Parti Minna', waqt li qed nintroduċu l-kampanja 'Peek into Heritage', li tistieden lill-pubbliku jesplora b'mod attiv l-wirt tagħna li qed nippreservaw għall-ġenerazzjonijiet futuri. Il-kalendarju ta' dain is-sena qed jara żieda ta' 50 attività meta mqabbel mas-sena ta' qabel u dan huwa frott il-ħeġġa u l-interess li dejjem ninnutaw fil-viżitaturi."

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta

Il-kalendarju tal-attivitajiet ta' Heritage Malta huwa disponibbli hawnhekk: https://heritagemalta.mt/leaflets-and-brochures/, fejn tista' tesplora l-lista sħiħa tal-avvenimenti u taqta' l-biljetti għalihom onlajn. Kopji fiżiċi se jkunu disponibbli wkoll fil-mużewijiet u s-siti ta' Heritage Malta fil-jiem li ġejjin. Aktar tagħrif dwar l-attivitajiet imsemmija fid-dokument jistgħu jiġu aċċessati fuq: www.heritagemalta.mt/whats-on. Tista' ssegwi wkoll il-WhatsApp Channel uffiċjali ta' Heritage Malta: www.whatsapp.com/channel/0029Vb4UJxw1yT29ko3Gkq2F għall-aħħar aġġornamenti u spunti minn wara l-kwinti.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta